

# Id-Delizzju tal-Knejjes f'Minjatura

*Is-Sur Joe Chetcuti – Preżentatur tal-Programm 'Marċi u Bandalori, fuq Radju 101 u President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija*

F'dan l-artiklu tiegħi se nirrakkonta kif, meta u għaliex nibtet fija n-namra għall-knejjes f'minjatura. Kull delizzju, kull namra, kull ġibda u kull interess lejn xi ħaġa, hi x'inhi, probabilment li jafu l-bidu tagħhom l-influwenzi li wieħed ikollu fil-bidu tal-formazzjoni tiegħu. Essenzjalment dan jinkludi it-tip ta' trobbija li wieħed ikollu u l-ambjent li jitla' fih.

Jien nista' ngħid u nħossni wisq kburi illi trabbejt għad-dell tas-Santwarju tar-Rotunda. Il-formazzjoni tiegħi fil-familja kienet waħda sanament kattolika. Għal tul ta' snin mhux ħażin kont nattendi iċ-Ċentru tad-Duttrina tal-MUSEUM u kont attiv ħafna. Kont ukoll abbati għax mhux biss kont affaxxinat wara l-funzjonijiet reliġjużi imma ridt inkun parti attiv sew fihom. Apparti hekk, il-ħbieb intimi tiegħi kienu dawk illi bħali u daqsi kellhom dawn is-sentimenti u diskorsna kien idur dwar dawn is-suġġetti: festi, funzjonijiet, knejjes u qaddisin u anke l-baned.

Niftakar sew illi kelli ħabib tiegħi illi kien dilettant immens tal-minjaturi tal-knejjes u konna niddiskutu ħafna bejnietna. Ma tistax ikollok in-namra ġewwa fik, tisma' ħabib jitkellem dejjem fuq hekk u ma tiddakkarx. Ma tistax ma tiġikx ix-xewqa li jkollok xi ħaġa simili int ukoll! Fil-fatt hekk ġrali jien. Niftakar ukoll ta' tifel li kont, kont qlajt artal żgħir bħala rigal għall-Milied mingħand is-Superjur tal-MUSEUM u ħadtu d-dar tiegħi fejn kont noqgħod qabel ma ħadt l-istat tiegħi, fil-Mosta u kont inżommu b'għożża kbira. Minn hemmhekk kibret fija l-kilba lejn dan id-delizzju u żidt sewwa l-interess tiegħi fil-knejjes.

Bil-mod il-mod bdejt nibni dan l-artal permezz ta' oġġetti relatati għal fuqu. Niftakar sewwa kont ta' sikwit niffitta lill-ġenituri tiegħi sabiex minn tal-inqas darba f'ġimgħa mmorru għand is-Sur Cordina ta' Triq il-Merkanti il-Belt. Naturalment kienu jagħmlu tajjeb finanzjarjament missieri u ommi u kull darba li nitilgħu l-Belt konna nixtru xi ħaġa għal dan l-imbierek artal. Dan l-artal baqa' għandi għal bosta snin sakemm niftakar illi kont tajtu lil wieħed ħabib tiegħi peress illi dejjem kien iberren f'moħħi illi 'l quddiem ikolli xi ħaġa ikbar. Kulma żammejt huma affarijiet bħal gandlieri u fjuretti tant illi għadhom għandi sal-lum il-ġurnata.

Kellhom jgħaddu bosta snin sew sabiex illum-il ġurnata għandi xi ħaġa ċkejkna fid-dar tiegħi.

Madwar tliet snin u nofs ilu niftakar illi tlajt ir-Rabat Għawdex nhar Ħadd il-Palm sabiex nara wirja mill-isbaħ ta' minjatura armata sa snienha għall-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-ħabib tiegħi s-Sur George Mercieca. Waqt illi kont qed nara din il-wirja, fil-pront niżel minn fuq missieru Amante. Amante qalli illi kemm l-artal kif ukoll il-bankuni tal-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira kollha xogħlu. Domt ngħidlu ħafna prosit għal dan ix-xogħol u tgħidx kemm deher kuntent.

Imma donnu kien hemm sorpriża lesta għalija! Xi xahrejn wara kont mistieden mill-Kumitat tal-Festa ta' Ġesù Ewkaristiku Salvatur fl-Għasri Għawdex sabiex nippreżenta Akkademja Mużikali taħt id-Direzzjoni tas-Surmast Antoine Mercieca, iben Amante Mercieca. Qabel l-Akkademja nara lil Amante ġej b'barżakka magħluqa f'idu. Resaq u tahieli. Qalli li dak li kien hemm fija kien għalija! Kif ftaħt insib ġmiel ta' artal, tqil mhux ħażin, kollu kemm hu maħdum fl-injam u veru ħadt gost immens bih... ma nafx kemm il-darba għedtlu grazzi.

Waqt illi kont fuq il-vapur bdejt nhewden kif se nagħmel din il-minjatura. Il-kunċert kien il-Ġimgħa u l-għada s-Sibt ħadt dan l-artal għand ħabib tiegħi mastrudaxxa prim Żebbuġi, is-Sur Michael Camilleri u għedtlu li xtaqt nagħmel minjatura żgħira. Qalli mill-ewwel illi ridt nistenna mhux ħażin peress li ried ilesti xi xogħol għall-Knisja ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt. Jien għedtlu l-importanti kien illi sa Mejju tas-sena 2016 tkun għandi, xahar qabel it-tieġ ta' binti Pauline Marie. Wegħedni li se jlestiha żgur u hekk kien.




Sadanittant iddeċidejt ukoll illi qabel ma tkun lesta, lill-mara tiegħi ma ngħidilha xejn. S'intendi tul dawk ix-xhur kollha kont immur ta' sikwit ħdejn Michael nittantaħ ftit! U proprju bħal sena ilu fil-bidu tax-xahar ta' Mejju din il-minjatura kienet lesta però kien jonqosha żewġ affarijiet oħra. Dawn kienu l-mejda tal-kawba għal taħtha bil-ħġieġa fuqha biex ma tinbarax il-mejda kif ukoll l-irħamar. Għal irħamar kellimt lis-Sur Manwel Chircop eks-Sagristan tal-knisja Arċipretali ta' San Filep t'Agira Ħaż-Żebbuġ u kollega fil-Każin tal-Banda tas-Soċjetà Mużikali 12th May. Qalli sabiex noħodha immedjatament il-*workshop* fil-każin tal-Banda 12th May qabel ma jibda jinħareġ sewwa l-armar għall-festa titulari ta' San Filep. F'temp ta' ġimgħa kienet lesta mill-irħamar u ħadtha minnufih id-dar. Malli ratha l-mara tiegħi għoġbitha immens peress illi qatt ma immaġinat li ġejja hekk sabiħa! Finalment kien jonqos illi tasal l-aħħar ħaġa – il-mejda tal-kawba għal taħtha u din tlestiet ġimgħa fuq il-festa ta' San Filep tas-sena li għaddiet, 2016. Kif kien xieraq inħadmet ukoll mis-Sur Michael Camilleri.

Illum-il-ġurnata nista' ngħid illi d-dar għandi biċċa ġawhra ċkejkna għal qalbi immens. Ħolma li saret realtà. Realtà li bis-saħħa tagħha d-delizzju tiegħi jkompli jikber u min jaf, forsi jdakkar anki lil ħaddieħor.

